4 ta' Ġunju, 1945.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Salvatore Cascun ne. *versus* Antonia Cascun

**Separazzjoni Personali — Karattru ta' l-Azzjoni — Konjuġi Interdett — Kuratur — Art. 42 ta' l-Ordinanza I ta' l-1873.**

*L-azzjoni tas-separazzjoni personali ma tistax tiġi eżerċitata ħlief fuq talba ta' wieħed mill-miżżewġin kontra l-oħra u għall-kawżi stabbiliti fil-liġi.*

*Il-kuratur ta' l-interdett ma jistax jagħmel din l-azzjoni f'l-isem ta' l-interdett.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur fil-kwalità fuq imsemmija quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn talab li tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-konvenuta mill-imsemmi Filippo Cascun, żewġha, għall-adulterju tagħha, u li jiġu in konsegwenza applikati l-effetti kollha stabbiliti fl-art. 55 ta' l-Ordinanza I ta' l-1873, u tiġi dikjarata xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-istess konvenuta u żewġha ; bl-ispejjeż ;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re tas-7 ta' Frar 1945, fejn, fuq l-eċċezzjoni illi l-kuratur ta' l-interdett li huwa marid b'moħħu, ma jistax jagħmel il-kawża ta' separazzjoni personali għan-nom ta' l-interdett kontra l-mara ta' dan, laqgħet din l-eċċezzjoni, u għalhekk illiberat lill-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju, iżda ordnat illi l-ispejjeż ma jiġux taxxati bejn il-partijiet, imma d-dritt tar-reġistru jitħallas mill-attur nomine ; wara li kkunsidrat ;

Illi din l-azzjoni hija personali, u għalhekk l-art. 42 ta' l-Ordinanza I ta' l-1873, igħid illi din l-azzjoni ma tistax issir ħlief fuq talba ta' wieħed mill-konjuġi kontra l-ieħor ;

Illi fin-nuqqas ta' dispożizzjoni fil-liġi tagħna li tawtorizza l-kuratur jagħmel din l-azzjoni, kif hemm f'liġijiet oħra,

bhall-Kodiċi Franċiż, din l-azzjoni ma tistax tiġi intentata mill-kuratur, għax hija tippresupponi neċessarjament manifestazzjoni ta' volontà billi l-kawżi tas-separazzjoni huma dejjem persunali; bħal ingurja li tista' tithassar bil-maħfra u hadd ma jista' jgħid illi l-interdett għax marid b'moħħu ma jkunx irid jaħfer;

Illi qabel ma ssir din l-azzjoni hemm bżonn il-proċedura fis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, haġa li tkun impossibili meta r-rikors isir minn għand l-interdett, għax kwalunkwe tentativ ta' rikonċiljazzjoni jkun impossibili, u intant it-talba għas-separazzjoni mhix ammissibili qabel ma jirriżulta li l-mezz kollha ta' rikonċiljazzjoni jkunu baqgħu mingħajr effett;

Illi hija mingħajr bażi l-konsiderazzjoni ta' l-attur nomine li l-interessi pekunjari ta' l-interdett għandhom ikunu tutelati, għax hija ta' interess wisq akbar minn interessi pekunjari l-unjoni konjugali, kif anki konsiderazzjonijiet oħra eventwalment jiġu indirizzati lill-leġislatur u mhux lill-interpreti; il-leġislatur ippreveda biss fuq l-interessi pekunjarji ta' terzi meta l-konjuġi jkunu diġà għamel l-azzjoni u immanifesta l-volontà tiegħu, u saret il-proċedura preliminari;

Illi f'dan is-sens ippronunzjat ruħha l-ġurisprudenza Taljana (Giurisprudenza sul Codice Civile, Vol. I, pag. 566, 200);

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur nomine u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi dik is-sentenza tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn laqgħet dik l-eċċezzjoni u kkundannatu għall-ispejjeż tiegħu, u konfermata għall-kumplament, billi jiġi deċiż skond it-talba; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi skond l-art. 42 ta' l-Ord. I ta' l-1873, l-azzjoni tas-separazzjoni personali ma tistax issir ħlief fuq talba ta' wieħed mill-miżżewġin kontra l-ieħor u għall-kawżi stabbiliti fil-liġi; u dan huwa dovut għall-fatt, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, tan-natura strettament personali ta' din l-azzjoni. Infatti biha f'pajjiż Kattoliku, fejn id-divorzju mhuwiex ammess, din l-azzjoni tas-separazzjoni personali "a thoro et mensa", għalkemm ma tmissx u ma tistax tmiss il-vinkolu, iżda

qiegħda tmiss dik l-individuitas vitae, li hija element hekk bażiljari u fundamentali taż-żwieġ, illi l-miżżewġin għandhom ikunu ħaġa waħda, jgħixu flimkien, u għalhekk huma obligati għal fedeltà, għall-assistenza, għas-sokkors; għalhekk, peress li tkun qiegħda tmiss dan l-element hekk morali fiż-żwieġ, jiġifieri d-doveri fondamentali li għandhom ikollhom il-miżżewġin wieħed għall-ieħor, huwa naturali li azzjoni li tista' tmiss u timmodifika dawk id-doveri għandha tiddependi esklużivament mill-volontà unika tal-miżżewġin, mingħajr inġerenza ta' ħadd. Infatti huwa magħruf illi l-bażi primarja taż-żwieġ Kattoliku, kif tridu l-Knisja Mqaddsa, tikkonsisti fl-imħabba li wieħed għandu jkollu versu l-oħra, u din versu r-raġel tagħha; u dik l-imħabba, kif għandha tkun il-kriterju predominanti fl-għażla tar-raġel jew tal-mara, biex ikun hemm verament l-unità tal-ħajja, hekk ukoll l-imħabba għandha u jista' jkollha, u l-esperjenza tgħidilna li dejjem kellha, influwenza kbira fil-moħħ tal-konjuġi offiż biex jara għandux jagħżel li jagħmel l-azzjoni tas-separazzjoni li tagħtih il-liġi, jew inkella, preċiżament għax ikun hemm dik l-imħabba, akkompanjata ma' ċertu sens ta' unur u ta' prudenza għall-isem tiegħu stess, illi għalkemm realment fl-intern tad-dar huwa jkun qiegħed jittratta lill-parti kolpevoli kif jistħoqqilha, iżda għall-apparenza tan-nies u quddiem is-soċjetà, dik id-dar tibqa' kif kienet, qisu ma ġara xejn. Ħafna drabi dan isir biex it-tfal ma jkunu jafu xejn b'dak li ġara. Issa dawn huma ħwejjeġ kollha strettament personali, li għandha tiddeċidihom unikament dik il-parti li tkun offiża, u ħadd iżjed, u għalhekk, jekk dik il-parti għal kwalunkwe raġuni ma tkunx fi stat li tista' tiddeċidihom, allura ma jistgħux jagħmlu minn flokha la l-ġenituri, lanqas il-parenti, u lanqas kwalunkwe tutur jew kuratur tagħha; għaliex preċiżament, kif hija biss kellha tiddeċidi fuq iż-żwieġ, hija biss għandha tiddeċidi timmodifikax id-doveri li ġejjin miż-żwieġ;

Tikkunsidra:

Illi, ċertament ispirata minn dawn il-prinċipji, din il-Qorti in re "Mallia Tabone utrinque", fid-29 ta' Gunju 1912, (Kollez. Vol. XXI, P. I, pag. 418), irriteniet illi l-azzjoni

tas-separazzjoni personali hija bażata fuq ragunijiet eminentement morali għalkemm ikun hemm konsegwenzi ta' interess materjali; b'din l-azzjoni jinħallu rapporti bejn il-miżżewġin li ġejjin miż-żwieġ, u jispiċċa l-effett prinċipali li huwa l-konvivenza konjugali. Din il-Qorti kompliet tgħid:— "La gravità delle conseguenze cui dà luogo tale azione, unita alla considerazione che il coniuge innocente è la persona direttamente colpita dalle offese recategli dall'altro, e quindi dovrebbe esserne l'arbitro ed il vindice, indusse il legislatore a *sanzionare la massima generale espressa* nel detto articolo 42, di non poter la separazione avere luogo che a domanda di uno dei coniugi contro l'altro". U żiedet ukoll b'termini wisq ċari u preċiżi, illi "tale disposizione è concepita in termini assoluti, e non contiene alcuna eccezione, nè è remissiva ad alcuna altra delle stesse leggi";

Tikkunsidra;

Illi veru huwa li fid-dottrina Franċiża antika kien hemm dissens, iżda ħafna mill-awturi Franċiżi kienu jirritjenu illi l-kuratur ma jistax jeżerċita azzjoni simili. Il-Laurent (Vol. III, nru. 216, Principi di Diritto Civile) igħid illi din hija azzjoni strettament personali, u l-kuxjenza ta' l-offiż tista' tkun opposta. "*Con qual diritto il terzo farebbe in nome* dell'interdetto ciò che l'interdetto forse non vorrebbe fare?" Verament dak l-awtur jitkellem fuq id-divorzju, iżda l-ġurisprudenza Franċiża tekwipara f'ħafna partijiet l-interpretazzjoni tal-liġi f'materja ta' separazzjoni bħal materja ta' divorzju. Infatti dak l-awtur stess igħid illi l-kawżi huma talment *personali* illi ma *tistax tikkonċepixxi l-preżenza ta' tutur.* "Sono un'ingiuria", igħid l-istess awtur, "cioè a dire, ciò che v'ha di più personale al mondo; l'ingiuria si cancella col perdono; ora chi sa se l'interdetto non ha perdonato? La procedura esige a ciascun passo la presenza dell'attore, d'una parte affine di assicurarsi della sua volontà persistente, *d'altra parte affine di condurlo ad una conciliazione. Forse* che il tutore può rappresentare l'interdetto in ciò che esso ha di più intimo, la sua volontà?" U iżjed 'il quddiem l-istess awtur ikompli jgħid illi hija ħaġa li tmiss l-unur tal-familja.

fondament tas-soċjetà, li tmiss il-persuna miżżewġa u lit-tfal, u din ma hix ħaġa li tidħol u tista' tidħol fil-missjoni tat-tutur u tal-kuratur. "Invano s'invoca la morale e l'infelice posizione dell'interdetto, miserabile trastullo di un coniuge avergognato e crudele. Queste *considerazioni s'indirizzano al legislatore*; l'interprete non ha da preoccuparsene" (l-istess awtur, pag. 239). F'dak il-pajjiż il-leġislatur, probabilment edott minn dawn il-kwistjonijiet, għamel liġi fit-18 ta' April 1886, li *tawtorizza* lit-tutur tal-persuna ġudizzjalment interdetta biex, bl-awtorizzazzjoni tal-kunsill tal-familja, ikun jista' jagħmel dina l-azzjoni tas-separazzjoni personali;

**Tikkunsidra**;

Illi fid-dottrina Taljana ta' l-istess opinjoni huwa l-Paċifiċi Mazzoni (Istituzioni di Diritto Civile, Vol. 7, Parte Speciale, Ediz. 1894, p. 214), fejn igħid illi lanqas it-tutur jew il-protutur ta' l-interdett ma jista' jagħmel din l-azzjoni għannom tal-persuna interdetta, għalkemm il-kunsill tal-familja mhux biss jawtorizzah, *iżda* jissolliċitah biex jagħmilha. L-awtur jammetti illi f'edizzjoni ta' qabel kien ipprofessa opinjoni kuntrarja, iżda jistqarr li huwa kien żbaljat għaliex kien allura jidhirlu li hija ħaġa krudili, inumana, u ħarxa, illi mara ta' interdett tista' tintefa' għall-prostituzzjoni, peress illi taf li ma jista' jsir xejn għax żewġha huwa miġnun; u jgħid "riconoscemmo poscia che tale considerazione potrà farsi dall'interprete per censurare la legge, ma non per creare una disposizione legislativa; imperocchè la decisione che seguimmo non si appoggia a veruna *legge, nè in modo diretto nè per deduzione*"; u jiċċita bħala sostenituri ta' din l-opinjoni, barra mill-Laurent fuq imsemmi, Arntz I, 407, Willequet "Du Divorce", pag. 117, 118, u sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni tal-Belġju tal-11 ta' Novembru 1869, pronunzjata in konformità għall-konklużjonijiet preżentati mill-"avukat ġenerali";

Ir-Ricci (Diritto Civile, Vol. I, Parte II, pag. 51) huwa ta' l-istess opinjoni:— "Il diritto di chiedere la separazione è eminentemente personale; quindi non può essere esercitato da altra persona, sia anche il tutore o il *curatore*, nell'*interesse* di uno dei coniugi"; u dan l-awtur jiċċita sentenza tal-

Qorti ta' l-Appell ta' Bologna tas-16 ta' Ġunju 1875, fejn ġie anki stabbilit dan il-prinċipju, illi f'din l-azzjoni l-kontradittorju għandu jkun biss bejn il-miżżewġin. Ta' l-istess opinjoni huwa l-Venzi (Diritto Civile Italiano, nru. 565);

Il-Borsari (Commentario del Codice Civile Italiano, paġ. 589, Vol. I) igħid illi "il diritto di chiedere la separazione spetta ai coniugi; così l'articolo 149; onde la personalità della azione è statuita in modo assoluto". Dan l-awtur, għalkemm ma jittrattax fuq din il-kwistjoni, iżda fuq kwistjonijiet analogi riferentesi għall-minuri jew jekk l-offiż ikun miet, iżda josserva fuq il-kwistjoni tal-minuri, illi la l-kunsill tal-familja u lanqas il-kuratur tiegħu ma għandhom id-dritt li jagħmlu din l-azzjoni, mhux biss mingħajr il-kunsens, iżda anki mingħajr l-inizjativa ta' l-offiż, għalkemm dan il-kunsens ikun ta' minuri, u jżid — kliem li huma anki applikabili għall-każ in kwistjoni — "al coniuge offeso niuno potrà mai togliere il diritto di riconciliare e perdonare; e se egli è contento di convivere coll'altro coniuge, malgrado i torti ricevuti, o la dura condizione che gli è fatta dalla circostanza, 'quod Deus coniunxit homo non separet', nè autorità di tutore può strapparlo alla sua famiglia". U jekk dan huwa veru għall-minuri, huwa veru wkoll għal dak li jkun marid b'moħħu għaliex għandu drittijiet xorta bħall-ieħor; u jekk iħeq, forsi ried jagħżel dik it-tieni triq fuq imsemmija, u qatt ma ried jagħmel azzjoni simili kontra l-parti l-oħra, li biha l-kuratur jattakkalu 'l martu ta' adulteriu u ta' offiżi oħra, mentri forsi huwa ried, anki jekk huma veri dawn l-imputazzjonijiet, jaħbihom, sew għall-unur tiegħu kemm għal dak ta' martu li forsi, bittorti kollha li huwa rċieva, għadu jħobb, u l-ebda kuratur ma jista' jindaħal, japprezza u jivvaluta sitwazzjoni simili bejnu u bejn martu;

Fil-ġurisprudenza Taljana ġie anki ritenut illi din l-azzjoni ma tistax tiġi ammessa ħlief fil-persuna ta' wieħed millmiżżewġin kontra l-ieħor jew fil-kontumaċja tal-konvenut (ara Giurisprudenza tal-Fadda, nru. 195, fejn hemm ċitati diversi sentenzi, kif ukoll in-numru 200 fejn hemm riportat il-każ identiku ta' tutur ta' wieħed interdett għal mard tal-

moħħ, u ġie ritenut li dak it-tutur ma jistax jagħmel il-kawża tas-separazzjoni;

Tikkunsidra;

Illi l-kwistjonijiet li kienu, u, fejn ma hemmx dispożizzjoni leġislativa, għadhom dibattuti, fid-dottrina fuq din il-materja, jeffettwaw preċiżament (1) din il-kwistjoni li tifforma oġġett ta' din il-kawża; (2) jekk il-werriet ikunx jista' jagħmel il-kawża tas-separazzjoni jew ikompliha jekk kienet magħmula mill-awtur tiegħu f'ħajtu; u (3) fil-każ illi fost il-miżżewġin dak li jrid jagħmel l-azzjoni ta' separazzjoni jkun għadu minorenni. Il-leġislatur tagħna, kif inhi ħaġa magħrufa, meta għamel tant l-Ordinanza VII ta' l-1868, kemm ukoll dik nru. I ta' l-1873, iddirima kwistjonijiet li kienu dibattuti fid-dottrina, u fuq din il-materja, fuq it-tielet kwistjoni ddispona fl-art. 187 u 177, inċ. 3, u fl-art. 65 ta' l-Ordinanza I ta' l-1873, fuq it-tieni kwistjoni permezz ta' l-art. 50 ta' l-istess liġi, u fuq l-ewwel kwistjoni permezz ta' l-art. 42 li jgħid illi s-separazzjoni "cannot take place but on demand by one of the married persons against the other........" U din id-dizzjoni turi biċ-ċar il-ħsieb tal-leġislatur fi kwistjoni bħal din, li hija hekk dibattuta fid-dottrina, li ried jaqta' l-kwistjoni billi jgħid illi l-azzjoni "ma tistax tkun eżerċitata — permezz ta' dizzjoni proibitiva — ħlief mingħand wieħed mill-miżżewġin kontra l-ieħor. Mhux preżumibili illi l-leġislatur, kieku ried jammetti u jagħti dan id-dritt hekk straordinarju lill-kuratur, ma kienx anki jsemmi u jagħti din il-fakoltà lill-kuratur, kif għamel il-leġislatur Franċiż fil-liġi fuq imsemmija, u kif għamel l-istess leġislatur tagħna meta ppreveda l-każ tal-mara miżżewġa li tkun minuri u allura pprovdiha b'kuratur, speċjalment meta l-leġislatur ikkunsidra u ra li din hija azzjoni altament personali. Kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, peress illi d-drittijiet li din l-azzjoni qiegħda tmiss huma ta' natura morali, u għalhekk wisq iżjed għolja mill-effetti merament pekunjarji, fejn jistgħu jkunu interessati l-werrieta u l-kuratur ta' l-interdett dik in-natura morali għandha tiġi salvagwardata di fronti għal kwalunkwe sa-

grifiċċju pekunjarju li jista' jsofri anki l-istess interdett. Kif din il-Qorti ssentenzjat fil-kawża fuq imsemmija "Mailia Tabone utrinque", l-art. 50 lanqas daħħal eċċezzjoni għal karattru personali ta' l-azzjoni, iżda ssanzjona illi din l-azzjoni tispiċċa bil-mewt ta' wieħed mill-miżżewġin, u għalhekk il-werrieta, interessati fil-patrimonju, ma jistgħux jesperuha, u jekk tkun diġà magħmula mill-konjuġi offiż, u dan imut waqt il-mori tal-kawża, allura biss eċċezzjonalment il-werrieta jkunu jistgħu jkompluha fil-każ hemm prevedut; għaliex allura l-offiż ikun diġà wera l-volontà tiegħu li jaġixxi kontra l-parti l-oħra, u effettivament huwa aġixxa;

Tikkunsidra;

Illi biex tkun permessa lill-kuratur ta' l-interdett din il-fakoltà hekk straordinarja f'azzjoni altament morali u personali kif inhi l-azzjoni tas-separazzjoni personali, fejn hemm involuta l-ħajja morali intima bl-effetti kollha tagħha tal-miżżewġin, kif igħidu l-awturi fuq ċitati, tkun qiegħda tinħoloq dispożizzjoni li ma hemmx fil-liġi, u li anzi l-kliem ċari ta' l-art. 42 jeskludu; anzi kif qalet din il-Qorti fil-każ fuq ċitat, f'dawn il-kwistjonijiet il-Qorti tkun mhux qiegħda tinterpreta l-liġi, iżda tikkalunnja, meta l-leġislatur ippreveda u ddirima l-kwistjonijiet l-oħra fuq enumerati u jkun ħalla mhux riżoluta din il-kwistjoni, anzi għamel kliem fl-art. 42 fuq imsemmi li huma dijametralment opposti għal dik l-interpretazzjoni;

Tikkunsidra;

Illi, kif irriteniet din il-Qorti in re "Testaferrata Viani vs. Dr. G. Frendo Adzopardi" fit-12 ta' Ġunju 1911, konfermatorja tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re ta' l-ewwel ta' Ottubru 1910, il-proċediment ma jiġix null jekk ir-raġel ma ġiex notifikat bir-rikors tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili għall-permess biex issir din l-azzjoni, peress li huwa kien assenti minn Malta, kif ukoll hija prattika jekk il-konvenut jibqa' kontumaċi, il-Qorti, wara li tisma' r-rikorrenti, tista' tagħti l-permess relativ; u kif irriteniet ukoll il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Ottubru 1890 in re "Cremona utrinque" (Kollez. Vol. IX, pag. 248) għalkemm il-fini ta' dak ir-rikors huwa illi l-Qorti tara tistax tir-

rikonċilja l-miżżewġin fil-kwistjonijiet li għandhom bejniethom, iżda, a differenza ta' kodiċijiet oħra, ma hemm ebda proċedura speċjali taħt piena ta' nullità;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, sa fejn huma kompatibili;

Tirrespinġi l-appell ta' l-attur nomine, u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell; u in vista taċ-ċirkustanzi tal-kaz tordna illi l-ispejjeż ma jiġux taxxati; id-dritt tar-reġistru jitħallas mill-attur nomine.

---